**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Città Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 05/16 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | | |
| **Data** | 25/05/16 fis-6.15pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | | Amanda Abela | Skużata minħabba mard |
| | | Joan Agius | Preżenti mis-6.50pm |
| | | Claude Camilleri | Preżenti |
| | | Raymond Caruana | Preżenti |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Preżenti |
| | | Joseph Hales | Preżenti |

**Preżenti wkoll** Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**Skużata** L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Laura Caruana

**05. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 05. 1. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Viċi-Sindku | Il-Minuti 04/16 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet: | |
| | 04.2.8ii | Wara l-kelma issir, jidħlu l-kliem 'refreshing tal-' | | |
| | 04.3.5 | Wara l-kelma kont, jidħlu l-figuri 'Eur70'. | | |
| | 04.9.29 | Minflok 'Triq l-Isqof Zahra', jidħlu l-kliem 'Triq A. Cachia Zammit'. | | |
| 05. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**05. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 05 2 1 | 04.2.1 | *Zebra crossing* fi Triq Dun Lawrenz Degabriele | Hales informa lill-Kunsill li s-sitwazzjoni għadha ma nbidlitx. Sar rapport dwar talbiet pendenti ma' TM lill-Ministru nkarigat mill-MTI.<br>Caruana talab sabiex isir dak kollu meħtieġ biex din it-talba u oħrajn jiġu approvati minn TM. | Hales |
| 05 2 2 | 04.2.3 | Bdil tas-Sinjali ta' Direzzjoni | Hales informa lill-Kunsill li rċevejna l-*art work*. | Hales |
| 05 2 3 | 04.2.5 | *One way* - Triq Kastellan | Hales irraporta li t-*traffic management* ġie implimentat. | Hales |
| 05 2 4 | 04.2.6 | *Traffic Management* - Triq l-Isqof E. Galea | Hales spjega li s-sitwazzjoni għadha l-istess. | Hales |
| 05 2 5 | 04.2.7 | Mera - Triq Ħal Tarxien | Hales qal li din twaħħlet filwaqt li ż-żewġ mirja f'din it-triq faċċata tal-isqaqien li tkissru minħabba l-maltemp, ġew ordnati. | Hales |
| 05 2 6 | 04.2.8 | DYL fi Triq id-Duluri | Hales irraporta li d-dyl fil-ġenb tal-garaxxi ta' 71, Triq id-Duluri, tlestew. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 2 | 7 | 04.2.21 | *Traffic management* - Triq il-Qadi | Hales spjega li dan għadu pendenti. Waqt l-eżerċizzju li jinsab għaddej fuq id-dokumentazzjoni tal-files, instabet talba mill-Kunsill flimkiem ma' *layout plan* għal *zebra crossing* fi Triq il-Qadi (bejn Triq Wied il-Għajn u Triq Bug]arbiel), approvata minn TM xi snin ilu.<br>Hales qal li nġabet kwotazzjoni mingħand Nexos Lighting għal *belisha lights* ta' din iz-*zebra crossing* li tammonta għal Eur1,529.90.<br>Hales talab sabiex isiru il-*belisha lights* maz-*zebra crossings* kollha imferrxa madwar il-lokalita'. **Il-Kunsill qabel iżda mhux skond il-prezz mitlub.** | |
| 05 | 2 | 8 | 04.2.26 | Caruana: *Bollard* f'Misraħ ir-Repubblika | Caruana staqsa jekk tranġatx. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. | Sindku |
| 05 | 2 | 9 | 04.3.8 | Viċi-Sindku: Bil-Qadfa ta' Kulħadd | Il-Viċi-Sindku rringrazzjat lill-Kunsill għas-sapport li offra sabiex din l-attivita' setgħet tkun suċċes. | Viċi-Sindku |
| 05 | 2 | 10 | 04.7.1 | Camilleri: Librerija Pubblika | Camilleri qal li ġabar kwotazzjonijiet għax-xiri tal-materjal għall-ixkaffar u ser jgħaddihom lis-Segretarju Eżekuttiv. **Il-Kunsill approva wkoll ix-xiri ta' monitor għall-istess librerija.** Camilleri informa lill-Kunsill li ż-żjara li kellha tagħmel mart il-Prim Ministru fil-Librerija, ġiet posposta għal Awwissu. | Camilleri |
| 05 | 2 | 11 | 04.8.1 & '04.8.2 | Misraħ Karmenu Grima (il-parti ta' fuq) tissemma Trejqet l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca | Dawn it-talbiet ġew mgħoddija lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq. | Hales |
| 05 | 2 | 12 | 04.8.4 & 04.8.5 | *One Way* - Triq San Duminku | Hales irraporta li dawn it-talbiet ġew mgħoddija lil TM. | Hales |
| 05 | 2 | 13 | 04.9.4 | Problema ta' parkeġġ Triq E. Attard Bezzina | Hales spjega li d-dyl fil-ġenb tal-garaxx nru 23 ma jistgħux isiru minħabba l-mod kif hi magħmula r-rampa. | |
| 05 | 2 | 14 | 04.9.7 | Kommemorazzjoni Vittmi tal-Gwerra | Chircop irraporta l-attivita' saret kif propost. | Chircop |
| 05 | 2 | 15 | 04.9.8 | Vjal 25 ta' Novembru ...*30 minutes parking* | Hales irraporta li inbidlu t-tabelli fejn, ir-restrizzjoni issa hija biss għal matul il-ħinijiet tal-Bank HSBC kif ukoll dawn ġew imressqa sabiex il-parkeġġ quddiem il-kumpless La Fayette m'għadux ristrett. | Hales |
| 05 | 2 | 16 | 04.9.9 | DYL fil-kantunieri ta' Triq l-Isqof Alpheran de Bussan | Hales irraporta li dawn għadhom pendenti. | Hales |
| 05 | 2 | 17 | 04.9.10 | *Reserved Parking* - MaltCo - Triq A Cachia Zammit | Hales spjega li din hija privata u ma tistax issir mill-Kunsill. | Hales |
| 05 | 2 | 18 | 04.9.11 | Tindif fi Triq Falkunier | Hales irraporta li l-parti li saret referenza għaliha hi propjeta' privata u t-talba se tiġi riferuta lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. | Hales |
| 05 | 2 | 19 | 04.9.12 | Tindif ta' l-istemma fi Vjal 25 ta' Novembru | Hales spjega li dan għadu pendenti. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 2 | 20 | 04.9.14 | Caruana: Madum jiċċaqlaq | Caruana talab sabiex isir ix-xogħol meħtieġ fuq il-madum li qed jiċċaqlaq f'Misraħ Girgor Bonici. Is-Sindku qal li qed narawh u hemm problema li d-daqs ta' dak il-madum m'għadux isir. Il-Viċi-Sindku talbet sabiex xogħol fuq madum jiċċaqlaq wara l-Knisja Parrokkjali fejn it-taraġ. | Sindku |
| 05 | 2 | 21 | 04.9.15 | *Parking bays* fi Triq Frank Ghio | Hales irraporta li dawn għadhom pendenti. | Hales |
| 05 | 2 | 22 | 04.9.16 | Ċaqliq ta' *no right turn* fi Triq President A Buttiġieġ għal Triq l-Għadam | Hales informa lill-Kunsill li l-KoptaSin tħoss li mhux il-kas li din it-tabella tiċċaqlaq minħabba li tinsab fil-post adattat. | Hales |
| 05 | 2 | 23 | 04.9.20 | *Centre Line* fi Vjal 25 Ta' Novembru fid-direzzjoni lejn Bir id-Deheb | Hales rraporta li din għadha pendenti. | Hales |
| 05 | 2 | 24 | 04.9.21 | Camilleri: Self ta' Kotba Primarja B | **Il-Kunsill approva li jsiru 200 prints bil-kulur għall-cards ta' self ta' kotba għall-istudenti ta' Primarja B.** | Segretarjat |
| 05 | 2 | 25 | 04.9.24 | Camilleri: Kors Mcitizen | Camilleri staqsa jekk dan il-kors hux ħa jsir. Is-Sindku spjega li nkitbet korrispondenza lir-Reġjun Xlokk. | Sindku |
| 05 | 2 | 26 | 04.9.26 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku irrapurtat lill-Kunsill li attendiet għall-attivita' ta' Care Malta u tqassmet fjura lil kull anzjan filwaqt li fis-6 ta' Mejju saret l-Infiorata. Għal din l-attivita' il-persuni b'diżabilita' qasmu minn Bormla għall-Belt Valletta bil-dgħajsa u wara wżaw il-lift. Kien hemm sponsor minn V2018 fuq it-trasport. | Viċi-Sindku |
| 05 | 2 | 27 | 04.9.27 | Funtana - Triq l-Isqof Ferdinand Mattei | Hales irraporta li din ġiet mimlija bil-ħamrija. | Hales |
| 05 | 2 | 28 | 04.9.29 | *Warning sign* ta' *No left turn* fi Triq l-Isqof Zahra k/m Triq Sant'Anġlu | Hales informa li din ġiet ordnata. | Hales |
| 05 | 2 | 29 | | Chircop: Kors ta' l-Inbid | Chircop informa lill-Kunsill li applikaw aktar minn 40 ruħ u x'aktarx li ser isiru 2 korsijiet. | Chircop |
| 05 | 2 | 30 | | Tabelli - Toroq wara l-Knisja | Hales informa li saru madwar 50 tabella ġdida tat-traffiku. | Hales |
| 05 | 2 | 31 | | Tabelli ġodda fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | **Il-Kunsill qabel li jsiru t-tabelli tat-traffiku fejn meħtieġ.** | Hales |

**05 3 Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/16. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 3 | 1 | 1 | MEPA: PA1617/16, PA1794/16 | **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-PA li, għandu jinżamm il-karatteristika ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 05 | 3 | 2 | 07 | DLG: Tmiem tal-ħatra ta' Carmelo Abela bħala Direttur tal-Gvern Lokali | **Il-Kunsill qabel li jirringrazzja lis-Sur Abela tal-ħidma tiegħu.** | Segretarjat |
| 05 | 3 | 3 | 08 | DLG: Ħatra ta' Direttur ġdid fid-DLG | **Il-Kunsill qabel li jifraħ lis-Sur Adrian Mifsud tal-ħatra ġdida tiegħu bħala Direttur tal-Gvern Lokali.** | Segretarjat |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05 3 4 | | 10 &11 | TM: *Pedestrianisation* fi Sqaq Sant'Isidoru | Hales ġibed l-attenzjoni li l-Kunsillier Caruana kiteb personalment u direttament lil TM sabiex Sqaq Sant'isidoru isir pedonali. Żied jgħid, li kull proposta ta' *traffic management* għandu jkollha l-approvazzjoni tal-Kunsill qabel kull talba lil TM. Carauna ta r-raġunijiet x'wassal jagħmel dan. Hales qal li, minkejja li hemm l-approvazzjoni min-naħa ta' TM, din ma tistax tiġi attwata peress li fl-istess sqaq bħalissa għaddejjin xi xogħlijiet ta' kostruzzjoni. | Hales |
| 05 3 5 | | 16 | Għaqda Mużikali Beland: Reklam Fuljett tal-Festa | **Il-Kunsill approva li jagħmel reklam tal-festa ta' Eur60 fil-pubblikazzjoni tal-festa ta' qies A5 black & white ta' dawn l-għaqdiet: Beland, Banda Żejtun, Għaqda ta' l-Armar, u l-Għaqda tan-Nar.** | Segretarjat |
| 05 3 6 | | 18 | G. Muscat: Talba għal *unpaid leave* | **Il-Kunsill approva unpaid leave ta' 8 xhur mill-1 ta' Awwissu lill-impjegat Godwin Muscat sabiex jagħmel prova ta' xogħol barra minn Malta.** | Sindku<br>Segretarju Eżekuttiv |
| | i | | Skema Persuni b'Diżabilta' mal-Kunsill | Is-Sindku rrefera għall-iskema fejn minnha l-Kunsill jista' jibbenifika minn 20 siegħa fil-ġimgħa ta' xogħol mingħajr ħlas. Hawn il-Kunsilliera Agius ħalliet il-mejda minħabba interess pekunjarju. | |
| | ii | | | Is-Sindku rraporta li ġiet mibgħuta lista ta' 3 persuni li meta ġew ikkuntattjati nstab li, waħda minn dawk nominati rrifjutat il-kwalita' ta' xogħol offrut. Il-Kunsill qabel li l-Bord jintervista lis-Sur Brincat kif ukoll is-Sur Dalli. | |

**05. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 05 4 1 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/16 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarju |
| 05 4 2 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/16 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 05/16 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | |
| | i | 57 | **Il-Kunsill qabel li għalissa dan il-kont ma jiġix imħallas.** | | |
| | ii | 61 | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li l-parteċipanti kollha ħallsu għall-attivita' ta' Jum l-Omm, liema flus daħlu fil-kontijiet tal-Kunsill. | | |
| | iii | 80,81,82 | Is-Sindku spjega li l-Kuntrattur Silvar għamel xogħol fuq bankini/*parking bays* u *gutter* u mhux xogħol ta' *resurfacing*. | | |
| 05 4 3 | | | Talbiet għal Xiri Seduta 05/16 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| 05 4 4 | | | Petty Cash - April 2016 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' April hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €193.76.** | Segretarju |

**05. 5. Resurfacing ta' toroq Triq Bir id-Deheb / Triq l-Arċipriet Degabriele**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 5 1 | | Sindku: *Resurfacing* mill-Gvern Ċentrali | Is-Sindku rraporta li, ix-xogħlijiet fi Triq Dun Lawrenz Degabriele kellhom jibdew fit-23 ta' Mejju iżda, peress li f'din iż-żona kienu nstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi meta kien qed isir il-bini residenzjali, hu meħtieġ il-permess ta' Heritage Malta, sabiex ikun jibda jinbeda x-xogħol. | Sindku |
| 05. 5 2 | | | Min-naħa tiegħu il-Kunsill talab sabiex minflok, jinbeda x-xogħol fi Triq Bir id-Deheb iżda, għadha qed issir l-evalwazzjoni tax-xogħlijiet meħtieġa. Min-naħa tiegħu l-Kuntrattur qal li għadhom ma tawhx il-permess biex jibda minħabba li ma saritx spezzjoni fuq it-tabelli li twaħħlu. | Sindku |
| 05. 5 3 | | | Il-Kunsill jittama li dawn iż-żewġ toroq jitlestew sa l-aħħar ta' Lulju 2016. | Sindku |

**05. 6. Resurfacing ta' toroq residenzjali: Triq Vendome / Triq l-Ghannejja / Triq Palma / Triq Ta' Tavlin**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol f'dawn it-toroq mexa ġmielu u mistenni li jintemm sa l-aħħar ta' Mejju. | Sindku |

**05. 7. Korsijiet għas-Sajf**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 7. 1 | | Agius: Tirraporta | Il-Kunsilliera Agius infurmat li, bdew jitqassmu bieb bieb il-*flyers* ta' l-attivitajiet għal matul is-sajf. Bħalissa qed issir timetable *tal-korsijiet kollha.* Apparti dawk ta' TCTC, dawn ser isiru fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat. | Agius Camilleri |

**05 8 Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05 8 1 | | Hales: *Refreshing* ta' *Road Markings* | Il-Kunsill innota x-xogħol ta' *refreshing* ta' *road markings* li sar mill-ħaddiema ta' l-IPSL. | Hales |
| 05 8 2 | | Hales: *Traffic Management* - Misraħ ta' Pizzuta | **Il-Kunsill qabel li t-traffiku f'Misraħ Ta' Pizzuta ikun regolarizzat billi d-dħul tiegħu ikun min-naħa li tmiss ma' Triq il-Vittmi tal-Gwerra u l-ħruġ ikun min-naħa li tmiss ma' Triq Anġlu Grima.** Din it-talba ser titressaq għall-approvazzjoni ta' TM. | Hales |

**05. 9. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 9 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Rapport Finanzjarju Jannar- Marzu 2016 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' l-ewwel kwart ta' din is-sena li jagħti spjegazzjoni dettaljata tad-dħul u l-infieq tal-Kunsill. Dan il-kwart għalaq b'bilanċ ta' Eur61,435. **Il-Kunsill approva dan ir-rapport hekk kif preżentat. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport.** | Sindku Segretarju Eżekuttiv |
| 05 | 9 | 2 | | Sindku: Kawża LCCU | Is-Sindku rraporta dwar il-kawża li kellu kontra LCCU dwar xogħlijiet infrastrutturali li saru fil-lokali fil-bidu tat-twaqqif tal-Kunsill.<br>Fl-laqgħa li saret dan l-aħħar fil-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura li kienet preseduta mill-Ministru Joe Mizzi sar qbil li, il-Kunsill b'mod immedjat iħallas l-ammont ta' Eur5,000 kif ukoll li l-imgħax jieqaf b'mod immedjat ukoll. Sar qbil ukoll li tissejjaħ mas-Segretarju Permanenti fl-ufficcju tal-finanzi sabiex, isir ftehim ta' kif għandu jitħallas il-bilanċ. | Sindku Segretarju Eżekuttiv |
| 05 | 9 | 3 | | Sindku: Kawżi l-Qorti | Talba għal Eur2,000 danni li persuna ta' nazzjonalita' barranija soffriet fil-vettura tagħha kaġun ta' tappiera tad-drenaġġ fi Triq Ħal Tarxien, fil-parti l-wiesgħa li tmiss mal-Qasam Industrijali ta' Bulebel. | |
| | | | i | | Is-Sindku żied jgħid li, il-Kunsill qed jikkonstesta li din it-triq tagħmel parti mill-konfini taż-Żejtun. Hales qal li, għandu jintalab il-parir tal-Kummissjoni Elettorali, jew tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar ir-responsabbilta' tal-konfini f'din il-parti tat-triq. | |
| | | | ii | | Kawża oħra titratta biċċa art f'Misraħ l-Indipendenza, fuq wara ta' La Fayette Court. Is-Sindku qal li dwar l-art fil-kwistjoni kien hemm qbil verbali ma' missier is-sidien attwali ta' l-istess bini dwar liema parti ta' l-art kienet privata. L-ewwel sentenza ġiet appellata. | |
| 05 | 9 | 4 | | Sindku: *Accounts* tal-Manuċċa CDCC | Is-Sindku ppreżenta ir-rapport finanzjarju tal-Manuċċa CDCC għas-sena 2015 fejn kien hemm dħul ta' Eur290,000, u ħruġ ta' Eur55,900 f'pagi u Eur121,000 f'operat, iġifieri b'bilanċ ta' Eur10,000. | Sindku Agius |
| 05 | 9 | 5 | | Fenech: Rampa *Skate Park* | Fenech infurmat li sfrundat ir-rampa ta' l-*iskate park* u talbet sabiex isiru x-xogħlijiet neċessarji. **Il-Kunsill qabel.** | Sindku |
| 05 | 9 | 6 | | Fenech: *Tender 01/16 Provision & Installation of Artificial Turf* | Fenech infurmat li t-*tender* ser toħroġ fil-31 ta' Mejju 2016. | Fenech |
| 05 | 9 | 7 | | Fenech: *Aerobics Session* | Fenech infurmat li f'Ġunju ser issir sezzjoni oħra ta' *aerobics/nutrition*. | Fenech |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 9 | 8 | Fenech: *Sleeping Policeman* Triq A. Cachia Zammit | Fenech irrapurtat dwar inċidenti li jseħħu u talbet sabiex jitwaħħlu *sleeping policemen*. Hales irrimarka li l-i*sleeping policemen* mhumiex permessibbli f'toroq li minnhom jgħaddi t-trasport pubbliku.<br>Camilleri qal li għandhom jiġu inklużi oħrajn fi Triq Bugħarbiel. Hales fakkar sabiex titpoġġa mill-ġdid is-*sleeping policemen* li kien hemm fi Triq Santa Katarina k/m Triq Sant'Anġlu qabel sar ir-*resurfacing*. | Hales |
| 05 | 9 | 9 | Fenech: Traffic Management Triq Toni Zahra f'salib it-toroq ma' Triq Ħal Tarxien u Triq Santa Katarina | Fenech irrimarkat ukoll dwar inċidenti spissi wkoll ta' vetturi f'dawn l-inħawi. Hales qal li ser jitlob tal-Koptasin dwar x'għandu jsir. | Hales |
| 05 | 9 | 10 | Fenech: Sinjali tat-traffiku fi Triq Xrobb l-Għaġin | Fenech staqsiet jekk hux ser isir xi ħaġa fi Triq Xrobb l-Għaġin minħabba marki li hemm ma' l-art. Is-Sindku spjega li hemm ħsieb li jsir xogħol bħalma sar fi Triq Strejnu. Għaldaqstant qed isir *survey* bil-Perit għal *Heritage Trail*. | Sindku |
| 05 | 9 | 11 | Hales: Affarijiet għal rimi | **Il-Kunsill qabel li jiddisponi minn monitor u mejda kbira li m'għadx hemm użu tagħhom.** | Segretarjat |
| 05 | 9 | 12 | Chircop: Attivitajiet | Chircop informa lill-Kunsill li fil-5 ta' Lulju ser issir il-Kompetizzjoni ta' l-Inbid u Lejla Mużiko-Letterarja f'għeluq l-10 snin tal-mewt tal-Budaj. Fis-26 ta' Ġunju ser issir Arti fil-Beraħ u *Treasure Hunt*. | Chircop |
| 05 | 9 | 13 | Chircop: Bandli fi Ġnien San Girgor | Chircop ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill żurżieqa perikoluża u *merry go round* tiċċaqlaq fi Ġnien San Girgor. **Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jitneħħew b'mod immedjat.** | Sindku |
| 05 | 9 | 14 | Hales: Aċċess Ġnien il-Qawsalla | **Il-Kunsill qabel li jingħalaq l-aċċess ta' Ġnien il-Qawsalla fi Triq il-Labour u jibqa' dawk ta' Sqaq tal-Ħniena u Triq il-Ħaddiema.** | Sindku |
| 05 | 9 | 15 | Chircop: Parking - Triq Ġużeppina Curmi | Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar parkeġġ fuq żewġ naħat li qed isir fi Triq Ġużeppina Curmi bil-konsegwenza li l-karozzi bil-kemm jgħaddu. Parkeġġ fuq naħa minnhom qed isir minħabba *parking bay* ta' motorcycle. Hales spjega li dan il-*parking bay* ma sarx riċentement iżda ilu hemm snin u li dan jintuża. **Il-Kunsill qabel li jitneħħa *parking bay* minn Triq Ġużeppina Curmi kantuniera ma' Triq Duluri.** | Hales |
| 05 | 9 | 16 | Chircop: Triq Sciortino | Chircop informa lill-Kunsill dwar problema ta' resident li ma jistax joħroġ mill-garaxx minħabba *parking* li qed isir fejn hemm parapett. Chircop ser jipprovdi ritratt sabiex jissustanzja dan. | Chircop |
| 05 | 9 | 17 | Caruana: *Outdoor gym* fi Ġnien iż-Żgħożija | Caruana talab sabiex isir *outdoor gym* fi Ġnien iż-Żgħożija. Is-Sindku spjega li diġa' hemm wieħed fi Ġnien San Girgor. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 9 | 18 | Caruana: Twaħħil ta' *prints* ma' *street furniture* tal-Kunsill | Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar prints li qed jitwaħħlu ma' street furniture tal Kunsill. | |
| 05 | 9 | 19 | Caruana: Twaħħil ta' *dustbins* | Caruana staqsa meta ser jitwaħħlu dustbins fil-Pjazza. Is-Sindku spjega li meta dawn jitwaħħlu, għandu jiżdied kennies, biex jitnaddfu. | Sindku |
| 05 | 9 | 20 | Caruana: *Stalls* tal-Festa | Caruana talab lill-Kunsill jikkunsidra li jsiru multi għal min iħammeġ. Hales qal li tal-kiosk jikkontribwixxu finanzjarjament minħabba l-ħmieġ. Żied jgħid ukoll li fil-ġimgħa tal-festa fiċ-ċentru tal-lokal ikun madwar 12 -il *bin on wheel* li kull waħda tesa 1100 ltrs. | Sindku |
| 05 | 9 | 21 | Camilleri: Mera tat-traffiku | **Il-Kunsill qabel li issir mera oħra flok dik li tkissret fl-ewwel biċċa ta' Triq Marsakala u issir oħra faċċata ta' Sqaq Ta' Vjola.** | Hales |
| 05 | 9 | 22 | Agius: Attivitajiet | Agius infurmat lill-Kunsill li ser isiru dawn l-attivitajiet: 01.06.16 Tfal Jadottaw Anzjan, 11.06.16 Taxi Boat, 15.06.16 Ħarġa Jum il-Missier. | Agius |
| 05 | 9 | 23 | Agius: *Photovoltaic system* - Manuċċa CDCC u Tribunal Lokali | **Il-Kunsill qabel mal-proposta li jistalla sistema ta' panelli fotovoltaiċi fuq il-bjut imsemmija.** | Sindku |
| 05 | 9 | 24 | Agius: Awguri | **Il-Kunsill qabel li jifraħ lil Maria James u Janice Attard Pulis għas-sehem u s-suċċess tagħhom fl-ispecial olympics.** | Segretarjat |
| 05 | 9 | 25 | Viċi-Sindku: *Accessibility Award* | **Il-Kunsill qabel li jikseb informazzjoni dwar lil min ingħata l-*Accessibility Award*.** | Segretarjat |
| 05 | 9 | 26 | Viċi-Sindku: *EU Funding Session* | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser tattendi għal sezzjoni ta' informazzjoni dwar EU Fundings nhar is-26 ta' Mejju. | Viċi-Sindku |
| 05 | 9 | 27 | Viċi-Sindku: Żjara f'SVDP | Il-Viċi-Sindku ser tagħmel żjara lill-anzjani ta' St. Vincent de Paul bejn is-6 u t-8 ta' Ġunju, 2016. | Viċi-Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-8.55pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 27 ta' Ġunju, 2016 fis-Sala Mikiel Cachia fl-

iffirmati

Joe Attard
Sindku

iffirmati

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv